***BEJGH TA' OGGETTI MIBUGHA BL-IMNUT***

***PRESKRIZZJONI GHALL-OGGETTI MIBJUGHA BL-IMNUT***

***ART 2148 (B) TAL-KAP 16***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju 2001**

**Kawza Numru: 19**
**Citazzjoni Numru: 2521/98/RCP**

**General Provisions Company Limited**

**vs**

**JMS Co Ltd**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici bieghet u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta merkanzija konsistenti f`oggetti ta' ikel ghall-valur ta` hamest elef u sbatax-il lira maltin u disgha u disghin centezmu (Lm5017,99),oltre l-imghax legali kif jidher mill-annessi dokumenti markati Dok.GBI sa Dok.GB20 u ghalkemm dan l-ammont intalab kemm il-darba minghand is-socjeta’ konvenuta huwa baqa’ ma thallasx.

Illi l-ammont huwa cert likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta’ attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex eccczzjonijiet x'taghti ghat-talba li qed issirilha.

L-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tghaddi biex tiddeciedi fuq it-talba tas-socjeta' bid-dispensa tas-smiegh ghat-termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta’ hamest elef u sbatax-il lira maltin u disgha u disghin centezmu (Lm5017,99) oltre l-imghax legali ammontanti minnu dovut ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

BI-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 1998.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 5 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 27 tal-process;

Rat il-verbali tat-8 ta' Jannar 1999, tal-20 ta' Jannar 1999, tat-12 ta' Frar 1999 fejn Dr Christopher Cilia ghas-socjeta` konvenuta ddikjara li l-istess socjeta` ghandha eccezzjonijiet validi x'taghti u dawn huma fl-ewwel lok li mhux is-somma kollha reklamata hija dovuta u fit-tieni lok li parti mis-somma reklamata tinsab preskritta bid-dekors ta' sentejn. Dr Cilia talab li s-socjeta` konvenuta tinghata l-permess li tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha. Il-Qorti laqghet it-talba u filwaqt li ordnat li l-kawza ssir fil-kors normali taghha, tat 20 jum zmien lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha. Il-kawza giet differita ghat-18 ta' Ottubru 1999 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tat-22 ta' Frar 1999, a fol 38 u 39 tal-process, fejn gie ecceppit:

1. Preliminarjament, illi t-talba tas-socjeta` attrici in kwantu tirrigwarda parti mill-ammont reklamat hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

2. Preliminarjament ukoll, in-nullita' tac-citazzjoni stante illi d-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici hija mahlufa semplicement minn certu Carmel Magro bla ma nghatat ebda indikazzjoni dwar jekk l-imsemmi Camel Magro

huwiex direttur jew ufficjal tal-istess socjeta' attrici u jekk huwiex awtorizzat jirrapprezenta lis-socjeta' attrici fi proceduri gudizzjarji.

3. Preliminarjament ukoll, l-irritwalita u n-nullita` tac-citazzjoni attrici li hija affetta wkoll mill-illegalita' stante illi parti sostanzjali mis-somma reklamata, u cioe' s-somma ta' elfejn, mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm2,122.01), rapprezentata minn Debit Note No. 1/95 ghal Lm561.15, Debit Note No. 1/96 ghal Lm925.26 u Debit Note No. 1/97 ghal Lm635.60 fl-elenku tad-dokumenti prezentat mis-socjeta' attrici, ma tirriferix ghall-prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, kif allegat mis-socjeta' attrici fil-premessi citattivi u konfermat bil-gurament minn Carmel Magro fid-dikjarazzjoni guramentata, izda jirreferu prezumibilment ghal xi interessi legali kalkolati arbitrarjament mis-socjeta' attrici u kwindi n-nullita' tac-citazzjoni ghaliex it-talba ma ssegwiex mill-premessi citattivi u kwindi wkoll l-illegalita' stante illi s-socjeta' attrici talbet hlas ta' imghax legali fuq imghax legali, u dan bi ksur tal-ligi.

4. Illi, fil-mertu, mhux l-ammont kollu reklamat mis-socjeta` attrici huwa dovut mis-socjeta` konvenuta.

5. Illi in oltre s-socjeta' konvenuta hija azzjonista fis-socjeta' attrici u jezisti ftehim bejn il-partijiet ghall-aljenazzjoni oneruza tal-ishma illi s-socjeta' konvenuta ghandha fis-socjeta' attrici u konsegwentement il-valur tal-ishma illi s-

socjeta' konvenuta ghandha fis-socjeta' attrici ghandu jitnaqqas mill-ammont reklamat mis-socjeta' attrici bi tpacija.

6. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejiez kollha kontra s-socjeta' attrici.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol 40 tal-process.

Rat il-verbal tat-18 t'Ottubru 1999, tal-14 ta' Frar 2000, tat-28 t' April 2000, tat-23 ta' Gunju 2000, tad-29 ta' Novembru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, inghata digriet tal-affidavit lis-socjeta` attrici ta' 40 jum, Dr Bisazza ghall-istess iddikjara li hlief l-affidavit ma jkollux aktar provi. Il-kawza giet differita ghall-provi tas-socjeta` konvenuta ghall-20 ta' Frar 2001.

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici tat-18 ta' Dicembru 2000 (fol 49 tal-process), id-digrieti tal-Qorti tal-14 ta' Dicembru 2000 u tal-10 ta' Jannar 2001 (fol 51) fejn laqghet it-talba fir-rikors tat-18 ta' Dicembru w ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti u n-notifika mill-gdid tac-citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota tas-26 ta' Jannar 2001 tas-socjeta General Provisions Co Ltd fejn permezz taghha prezentat l-

affidavits ta' Michael Sciberras u George Borg (fol 54 sa 57 tal-process).

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2001 fejn Dr Grima ghas-socjeta` attrici ddikjara li ma baghqalux aktar provi. Is-socjeta` konvenuta u Dr Cilia msejha tlett darbiet baqghu ma dehrux. Dr Grima talab li l-kawza tmur ghas-sentenza. Peress li l-kawza kienet ghall-provi tas-socjeta` konvenuta li lanqas biss dehret, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2001.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mis-socjeta` attrici sabiex jithallas prezz ta' diversi oggetti ta' l-ikel mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta fl-ammont ta' Lm7250 li pero` sussegwentement gie korrett ghall-ammont ta' Lm5017.99 b'digriet ta' din il-Qorti datat 10 ta' Jannar 2001 wara rikors tas-socjeta` attrici tat-18 ta' Dicembru 2000 (fol 49).

Illi s-socjeta` konvenuta resqet diversi eccezzjonijiet fosthom li t-talba attrici hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2148 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi din l-eccezzjoni fejn qed tigi ecceppita l-preskrizzjoni ta' 12-il xahar "azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mmobbli mibjugha bl-imnut, ma tirrizultax li tapplika ghal kaz *de quo* peress li ma ngabet ebda prova mis-socjeta` konvenuta li tali merkanzija giet mibjugha bl-imnut. Anzi, mill-kwantita` ta' merkanzija involuta w indikata fid-dokumenti GB1 sa GB20 jirrizulta li tali bejgh certament ma kienx bl-imnut, u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi t-tieni eccezzjoni dwar l-allegata nullita ta' citazzjoni stante li d-dikjarazzjoni attrici ma giex indikat fiha li Carmelo Magro li halifha huwa direttur jew ufficjal tal-istess socjeta` attrici, hija wkoll kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt stante li jidher car mill-istess affidavit u mill-provi prodotti li l-istess Charles Magro kien Chairman ta' l-istess socjeta` attrici u tali nuqqas ta' ndikazzjoni fid-dikjarazzjoni attrici tal-kariga tieghu, certament li ma jwassalx ghan-nullita` tac-citazzjoni, anke peress li llum il-gurnata l-formalizmu ezagerat mhux qed jigi u lanqas ghandu jigi nkoraggit, u ghalhekk it-tieni eccezzjoni wkoll ghandha tigi michuda.

Illi t-tielet eccezzjoni ghandha wkoll tigi michuda anke in vista tal-fatt li l-ammont mitlub originarjament fic-citazzjoni attrici gie ridott ghall-ammont ta' Lm5017.99 ghalkemm ghandu jkun hemm u ser ikun hemm temperament dwar l-ispejjez minhabba z-zmien meta saret tali korrezzjoni fil-mori tal-kawza li liema korrezzjoni, *di piu`* mhux opposta

mis-socjeta` konvenuta, naqset drastikament l-ammont ta' sorte originarjament mitlub fic-citazzjoni attrici bis-somma ta' l-fuq minn Lm2000.

Illi dwar ir-raba' eccezzjoni jinghad li apparti l-korrezzjoni fuq indikata fis-sorte li gie korrett skond l-affidavits ta' Michael Sciberras u George Borg maghmula fis-6 ta' Dicembru 2000 jirrizulta li saru pagamenti akkont fil-mori tal-kawza mis-socjeta` konvenuta ta' Lm2000 fl-14 ta' Mejju 1999 u ta' Lm1580 fit-18 ta' Mejju 1999 b'dan li l-ammont ta' sorte gie ridott ghall-ammont ta' Lm1437.99, oltre imghaxijiet legali.

Illi dwar il-hames eccezzjoni fejn qed tigi eccepita l-kompensazzjoni u t-tpacija s-socjeta` konvenuta ma resqet ebda provi dwar dan nonostante li s-socjeta` konvenuta kellha tressaq il-provi fis-seduta ta' l-20 ta' Frar 2001 izda dan naqset li taghmlu. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici kif ridotti ghall-ammont ta' Lm1437.99 ghandha tigi milqghuha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-

socjeta` konvenuta tilqa' t-talba attrici kif korretta u kif ridotta b'dan illi:

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u tlettin lira u disa u disghin centezmu (Lm1437.99) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja rispettiva ta' l-istess oggetti ta' l-ikel sa l-effettiv pagament.

Illi dwar l-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 Novembru 1998 dawn ghandhom jigu ssopportati kwantu ghall-terz mis-socjeta` attrici u kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta' Mejju 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**29 ta' Mejju 2001.**